**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 t' Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 367/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Mathews Christopher (ID Nru. 33907(L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) t'Awwissu, elfejn u sbatax (2017) illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmi (€384.64) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq il-numru 40184652, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1481/16 u bl-imghaxijiet legali sa mis-26 ta' Lulju, 2016 data tal-prezentat tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensur legali tas-socjeta` attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi permezz tax-xhieda taghha moghtija llum stess, ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ikkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut mill-intimati sal-gurnata tal-lum.

Illi tali ammont jirrizulta wkoll mill-provi dokumentali prezentati mill-istess socjeta` attrici flimkien mal-avviz.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata.

Illi fir-rigward tal-ispejjez u drittijiet legali jirrizulta li l-ammont mitlub kien ukoll mertu ta' ittra ufficjali mahruga mis-socjeta` attrici datata 26 ta' Lulju, 2017 (fol. 6 tal-process), liema ittra ufficjali giet ikkontestata mill-intimat permezz tan-nota datata 9 t'Awwissu, 2017 (fol. 7 tal-process). Jirrizulta allura li kien in segwitu ghal tali kontestazzjoni li s-socjeta` attrici procediet permezz tal-azzjoni odjern. Ghaldaqstant huwa car li l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-ispejjez u drittijiet relattivi ghall-istess ittra ufficjali oltre dawk naxxenti mill-azzjoni odjerna.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta. Huwa car li, skont il-ligi, l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data illi fiha d-debitur ikun gie a konjizzjoni tat-talba maghmulha fil-konfront tieghu b'mod ufficjali u kwindi jonqos milli jhallas l-addebitu. F'dan il-kaz allura l-ewwel interpellazzjoni giet notifikata lill-konvenut fid-29 ta' Lulju, 2016 u allura t-Tribunal ser jordna li l-imghaxijiet dovuti mill-konvenut jibdew jiddekorru minn tali data sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin euro u erbgha u sittin centezmi (€384.64) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq akkont li jgib in-numru 40184652 bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1481/16 u bl-imghaxijiet legali sa mid-29 ta' Lulju, 2016 data tan-notifika tal-ittra ufficjali surreferita kontra l-intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**